KLR 29/VII/2015

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 9 ta' April 2015 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- il-membru Michel Buttiġieġ.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar żewġ laqgħat.

**1. Mill-minuti KLR 27/VII/2015**

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li billi resqin l-elezzjonijiet lokali ta' diversi Kunsilli, r-Reġjun ma setax jiltaqa u l-porposta fuq it-tneħħija tas-CCTV camera ta' Pjazza San Franġisk ma setgħetx tiġi diskussa.

**2. Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjonijiet numru 9 u 10 ġew imressqa mill-kunsilliera Maria Portelli u ssekondati mis-Sindku.

**Mozzjoni Numru 9**

**Ġejt mitluba bħala kunsilliera tal-Kunsill Lokali Rabat, Citta' Victoria, mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ĉrnomelj flimkien ma' Peter Crnic, id-Direttur ta' RIC Bela Kajina biex nissieħbu f'tisħiħ ta' ġemellaġġ mal-Belt tagħna fi ħdan *Europe For Citizens Programm*. Dan ukoll minħabba l-fatt li kemm ilni mmur hemm bnejt relazzjoni tajba mad-diversi entitajit tal-lokalita' fosthom l-istess Kunsill u saħansitra ċ-ċentri taż-żgħażagħ.**

**Id-dekasteru tiegħi jirrigwardja fondi Ewropej speċjalment il-qafas ta' opportunita' li nistgħu nagħtu liż-żgħażagħ tagħna – grazzi għall-proġetti li ħdimt ma' Mladinski Centre BIT fejn ta' kull sena jistieden lill-Kunsill tagħna biex inkunu sħab fl-proġetti Ewropej, nixtieq li nkomplu nsaħħu din il-koperazzjoni. Il-kunsillier Marċel Tabone kien ukoll avviċinat minhom stess biex jissieħeb f'din il-koperazzjoni.**

**Tkellimt mal-MEUSAC u offrewli minnufih l-għajnuna tagħhom u ffirmajt MoU bħala l-*contact person* għall-ġemellaġġ. Għaldaqstant qed inressaq din il-mozzjoni għal-laqgħa li jmiss.**

Il-membri unanimament qablu mal-mozzjoni.

**Mozzjoni Numru 10**

**Ġejt ikkuntatjata mis-Sindku ta' Carpineto Romano fl-Italja, Matteo Battisit u mingħand il-kunsilliera Noemi Camagna li qedgħa fil-qasam Politu Kulturali, Turiżmu, Istruzzjoni Politika u Konsulenza bejn l-Assoċjazzjonijiet sabiex jissieħbu f'tisħiħ ta' ġemellaġġ mal-Belt tagħna fi ħdan *Europe For Citizens Programme*.**

**Carpineto Romano hi nteressanti ferm u mhux l-ewwel darb li ħadmu ma' rħula Maltin, saħansitra kienu ġew jesebixxu l-iSbandieratori f'Għawdex stess. L-istess grupp iltqajt magħhom fil-festival internazzjonali fil-Lepini fl-2007. Hi komunita' simili bħal tagħna – storika, popolazzjoni fjen l-anzjanita' dejjem tiżdied iżda baqgħet tħaddan wirt kulturali u ta' identita'.**

**Il-kunsillier Marċel Tabone ser ikun jgħin f'din il-koperazzjoni.**

**Tkellimt mal-MEUSAC u offrewli li nagħmlu żewġ applikazzjonijet u hekk ikun hemm ċans li tgħaddi waħda minnhom.**

Il-membri unanimament qablu mal-mozzjoni.

**3.** ***Update - ERDF 249, 'Setting up of an Integral Archaeological and Historical Trail in Victoria, Gozo.***

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet rendikont (Dokument A) tal-ispejjes u l-fondi skont l-offerti u x-xogħol li hu għaddej. Sa Ġunju 2015 il-Kunsill irid joħroġ €89,755.07. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li ma jsirux aktar *commitments* sakemm jinħarġu dawn il-fondi u jitħallsu spejjes oħra pendenti. Il-membri qablu u kienu wkoll qablu f'laqgħa KLR 27/VII 2015 datata 5 ta' Frar 2015, punt 6.2.

Il-membri qablu li:-

3.1 t-*Tender for the supply, installation, testing and commissioning of a grid connected photovoltaic system for the proposed heritage trail in Victoria, Gozo. Ref. 11/*2014 tingħata lill-Technological Innovations Ltd. Dan skont ir-rapport anness f'dokumnet B. Dan ix-xogħol mhux finanzjat mill-ERDF;

3.2 l-*Call for quotations for the production, design and printing of a booklet – Project ERDF249,* terġa toħroġ peress li l-unika offerta li ntefgħet ma kienitx tilħaq il-kriterji. Ir-rapport tal-bord jinsab anness f'dokumnet Ċ. Rev. Dr Joseph Beżżina għandu jħejji t-*text* ta' dan il-*booklet* u ser jinġabbru stimi għar-ritratti biex jiġu stampati f'dan il-*booklet*.

3.3 t-T*ender for Manual archaeological excavation, investigation and related conservation services at Independence Square, Victoria, Gozo* Rif. ERDF/249/12/14 tiġi kkanċellata peress li l- Sovrentendenza għall-Wirt Kulturali ma tatx il-permess biex isiru l-iskavi.

3.4 Tressaq kont ta' €60 mingħand *Axiak Bros. Stone Decoratoros Ltd* għal-xogħol li għamlu mad-dar ta' Ċettina Masini fi Pjazza Savina. Il-membri qablu li billi l-ħsara ġiet ikkawżata mill-ħaddiema ta' *Gatt Tarmac Ltd.* l-ispiża għandha tiġi koperata mill-kuntrattur.

3.5 Emejl mingħand Luċia Cook li qed titlob li terġa’ ssir għatba fuq il-bankina quddiem il-ħanut tagħha fi Triq Sir M’Anġelo Refalo kif kien hemm kien qabel inqagħlet it-triq. Il-membri qablu li jintalab il-parir tal-Perit.

3.6 Il-membri ġew mgħarrfa li fit-18 t’April ser tinfetaħ Triq Mons. Luiġi Vella u Triq Sant’ Ursola lejn Pjazza Savina. Hekk ikun hemm aċċess ukoll għat-toroq Santa Marija u l-Assunta. Fil-11 ta’ Mejju 2015 ser tinfetaħ Triq Repubblika lejn Pjazza Savina.

3.7 Ingħataw dettalji rigward il-mandat ta’ inibizzjoni li xi wħud mill-bejjiegħa tal-monti ressqu kontra il-Kunsill. Il-Qorti laqgħet dan il-mandat u intimat lill-Kunsill milli jimplimenta d-deċiżjoni tiegħu li jitrasferixxi lill-*fixed hawkers* li jarmaw mit-Tnejn sas-Sibt fi Pjazza Indipendenza għall-Pjazza Savina.

3.8 Xi wħud mill-bejjiegħa tal-monti resqu Protest Ġudizzjarju fejn il-protestanti talbu li jiġi assigurat li x-xogħol jitlesta qabel is-sajf biex hekk ma jitifux minn negozjiu tagħhom.

3.9 Carmel u Helen Grech resqu Protest Ġudizzjarju kontra l-Kunsill fejn wara li sar ix-xogħol fi Pjazza Savina qed jallegaw li qed jaqa’ kwantita’ mhux ta-soltu ta’ ilma quddiem ir-residenza tagħhom b’konsegwenza li jidħol ġo d-dar tagħhom fi Triq Santa Marija.

## 4. *Update – Playing Field*

4.1 Rigward avviż No. 13/14. *Supply and installation of playing field equipment and safety flooring at Victoria Playing Field*, Triq Taħt Putirjal, Victoria, Gozo, il-membri ġew mgħarrfa li skont ir-rapport mehmuż f’dokument D anness, l-ebda’ offerta ma kienet tilħaq il-kriterji stabbiliti fid-dokument tal-offerta.

4.2 Korrispondenza mingħand Anthony Żammit, Direttur EcoGozo tgħid li billi l-proġett tal-*playing field* ma tlestiex sat 22 ta’ Jannar 2015 skont kif miftiehem, il-fondi li kienu ġew approvati mhux ser jgħaddu mill-Minsiteru għal Għawdex lill-Kunsill. Barra minn hekk intalab ukoll sabiex l-*advance payment* ta’ €21,000 jiġi rifondut lura lill-Minsiteru għal Għawdex. Il-membri qablu li l-avukat tal-Kunsill għandha tirrispondi din l-ittra fejn turi li billi l-Kunsill qed iwettaq dan il-proġett fil-preżenti, il-Kunsill għadu jipretendi l-bqija ta’ l-ammont totali (€70,000) li hu jammonmta għall- €49,000.

## 5. Estmi 2015

Ġie approvat il-badġit għas-sena 2015 skont id-dokument E anness.

## 6. Eżerċizzju fuq l-Infiq

Tressaq il-kont li jkopri x-xogħol tal-bini tat-toroq Wied is-Seqer, Sagħtar u Ġanni Vassallo. Dan għandu jintbgħat lill-Perit għaċ-ċertifikazzjoni tiegħu u għandu jiġi spjegat għaliex inqabeż l-ammont sostanzjalment mir-rati tal-offerta. Parti minn dan il-proġett ser tiġi koperta mill-iskema PPP. Il-membri qablu li minħabba li din l-ispiża intelgħet sostanzjalment il-Kunsill għandu aktar joqgħod attent għall-prioritajiet finanzjarji tiegħu.

## 7. Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

Il-membri qablu li l-ambaxxatur taż-żgħażagħ il-ġdid tkun Charlene Scerri ta’ ‘Old Trafford’ Triq Santa Domenika, karta tal-identita’ 24398G. Il-Dipartiment għal Gvern Lokali għandu jiġi mgħarraf b’dan jekk is-Sinjoria Scerri taċċetta n-nomina.

## 8. Approvazzjoni tal-Kontijiet

8.1 Ġew approvati l-kontjietgħax-xhur ta' Marzu, April u Mejju 2015 annessi f'dokument F.

8.2 Il-ħlas għall-i*story telling* il sar fil-*Christmas Village* 2014 ikun ta' €100. Dan kienet ħadet ħsiebu l-*English Speaking Union.*

8.3 Il-Kunsill reġa rċieva kont tal-ARMS fuq *CCTV camera* fil-*playing field.* Il-Kunsill qatt ma kellu *cameras* fil-*playing field.* Li kien hemm huma żewġ *floodlights* li ilhom ħafna mitfija. L-avukat tal-Kunsill għandha titratta dan il-kas.

8.4 Il-Kunsill irċieva kont tal-ARMS fuq is-*CCTV camera* li hemm fi Pjazza San Franġisk. Dan għandu jintbgħat lill-uffiċċju tar-Reġjun t'Għawdex.

8.5 Tressaq il-kont ta' Spring Co. Ltd li jkopri x-xogħol fuq il-proġett *Greening the Communities*. Il-Perit tal-Kunsill għandu jiċċertifka dan il-kont skont l-offerta – *for the provision and palnting of trees, shrubs and seasonal plants and for their maintenance*, li nħarġet f'Novembru 2014. Korrispondenza relatata mingħand Dun Effie Masini rigward ix-xewqa ta' żewġ qsari minn dawn li tpoġġew madwar it-toroq taċ-ċentru tal-Rabat, għal mal-ġnub tal-entratura tal-Oratorju Don Bosco. Il-membri qablu li jintalbu aktar fondi mill-Minsteru għal Ambjent u tibdil fil-Klima biex jiżdiedu minn dawn il-qsari.

## 9. Immaniġjar tat-Traffiku – Korrispondenza

*Transport Malta* (TM) ħarġet il-permess għall-

9.1 1.5*m keep clear* quddiem'White Lily' fi Triq Dun Pawl Micallef;

9.2 *un/loading bay* qrib 17, Triq Sir, Arturo Mercieca;

9.3 *double yellow lines* fil-ġnub tal-aċċess tal-fabrika tal-madum fi Triq Pawlu Portelli;

9.4 *double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx ta'# 'Aphrodite Court', Triq il-Madonna tal-Ġilju;

9.5 *double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx tas-Seminarju fi Triq Sir Arturo Mercieca;

9.6 *double yellow lines* quddiem'Dar Emmaus, fi Triq Mro Dirjano Lanzon;

9.7 5 *m double yellow lines* fi Triq wied is-Seqer kantuniera ma Triq is-Sagħtar;

9.8 *speed limit signs, 30km/hr* fi Triq Vajrinġa;

9.9 *double yellow lines* fi-ġnub tal-garaxx li jinsab fil-kantuniera ta' Triq Anotnio Maliia ma Wasam San Ġorġ;

9.10 *double yellow lines* faċċata ta' 'Virgo' Fi Triq iċ-Ċangar;

9.11 *double yellow lines* quddiem 66, Triq l-arċisqof Peitru Paċe;

9.12 *round-topped road hump* fi Triq Ħamamiet;

9.13 *double yellow lines* quddiem l-entratura ta' *gambling outlet* fi Triq Patri Manuel Magri;

Ma nħariġx permess għall-

9.14 parkeġġ riservat quddiem l-uffiċċju ta' l-Av. Marsette Xerri fi Triq Sir Luiġi Camilleri;

9.15 *un/laoding bay* quddiem 'Pizza by Luca' fi Triq Karlu Galea;

9.16 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita ta' Joesph Fayek, 11, Triq Mro Dirajno Lanzon;

9.17 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita ta' George Grech, 'Altona House', Triq l-Assunta.

9.18 Intbgħatet talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' Wenzu Cassar ta' 89, Triq Sant'Orsla. Għandha timtela l-formola minn naħħa tal-Kunsill.

9.19 Il-membri qablu li jintalab permess għall-sinjali tat-traffiku li juri fejn jinsab l-uffiċċju tal-LEAP;

9.20 Suġġerimnet ta' resident jgħid li hemm bżonn li parti minn Triq l-Ewropa ssir *one way* minn Triq Mro Dirjano Lanzon sa Triq Karlu Galea. Il-membri qablu li fil-preżent dan is-suġġeriment ma jistax jiġi milqugħ peress li bħallissa parti minn Triq Repubblika hi magħluqa għat-traffiku minħabba l-proġett tal-ERDF.

9.21 Resident ieħor issuġġerixxa li jisr *pededstiran crossing* minn ħdejn il-ħanut 'Mojo's' għan-naħħa l-oħra tat-triq fi Pjazza J F Kennedy. Il-membri ma jaqblux ma dan is-suġġeriment peress li tiġi ġo kantuniera.

**10. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

10.1 id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-isekma ta' impjieg inklussiv fil-komunita'. Wara li jgħaddu t-teltt snin minn din l-iskema id-Diaprtiemnt ma jkunx jista jgġħati rifużjoni tal-paga. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jara mad-Diaprtiment jekk din il-persuna tistax tibqa' b'xi mod impjegata kif inhi fil-preżent;

10.2 ic-*Chairman* tal-Bord ta' Evalwazzjoni ta' Proġetti Kapitali tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill kienapplika bil-proposta tkun fuq *modular car park* fuq żewġ livelli fil-parkeġġ ta' wara l-*bus terminus*. Għal issa din il-proposta ma ġietx milqugħa;

10.3 id-Direttur għall-Proġetti u Żvilupp fejn staqsa lill-Kunsill sabiex jgħaddi d-dokumenti ralatati li juru li l-Kunsill għandu titolu ta' Care and Maintenance fuq il-grawnd Leli Farruġia.
10.4 Johann Said li talab għall-permess li jgħamel Ċirkufil-grawnd Leli Farruġia bejn is-7 ta' Diċembru u t-13 ta' Diċembru 2015. Qabel jinħreġ il-premess għandhom jiġu kkuntatjati t-tlett klabbs tal-futbol;

10.5 George Said fejn ġibed l-attenzjoni għall-parti fi Triq Sir Paul Boffa li żżomm l-ilma tax-xita b'detriment għar-residenti li ma jkunux jistgħu jidħlu jew joħorġu minn darhom. Il-membri qablu li l-Perit għandu jara din il-problema;

10.5 Ġiovann Sultana fejn ġibed l-attenzjoni għall-bżonn ta' patching f'Qasam San Ġorġ. Dan ġie rrappurtat;

10.6 Joesph Grech ta' 'Madonna ta' Pinu' Triq Kapuċċini, li talab sabiex issir bozza ġdida peress li fil-parti ta' Triq Kapuċċini fejn joqgħod hu hemm ħafna dalm. Il-membri qablu li jittieħed il-prir tal-Enġinier tal-Enemalta;

10.7 l-Enemalta fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li fi Triq Karolina Cauchi mhix ser teħel bozza ġdida peress li hemm dawl biżżejjed. F'din il-parti tat-triq kien hemm bozza li kellha titneħħa minħabba li fejn kienet, mad-dar 'Marija Bambina' kienet qed tagħmel il-ħsara. Il-Kunsill għandu jibqa jinsist sabiex terġa teħel bozza li ilha hemm is-snin;

10.8 il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex rigward l-għoti ta' isem ġdid lill-parti minn Triq Monsijur Ġużeppi Farruġia. Dan il-kumitat qed jitlob sabiex jingħata l-kunsens bil-miktub bil-firma u bin-numru tal-karta tal-Identita' ta' kull resident li joqgħod f'din il-partit tat-triq. L-Arċipreit tal-Paroċċa ta' San Ġorġ għandu jiġi nfurmat b'dan peress li x-xewqa li din il-parti tat-triq tinbidel għall-Triq Pietru Pawl Azzopardi nibtet minn din il-parroċċa;

10.9 Charles Azzoaprdi Refalo li talab kumpens għall-ħsara li ġarrab fir-roti tal-vettura tiegħu meta għadda minn Triq is-Sellum. Il-Kunsill ma jistax jilqa din it-talba peress li l-Kunsill m'għandu ebda' obbligu legali li japprova pagamenti *ex gratia* sakemm ma jkunx hemm ordni gudizzjarja.

10.10 Korripondenzi mingħand GUG, Carmelo Cremona u Cinefamilja ODB talbu għall-għajnuna finanzjarja għall-attivitajiet li ser jorgnaizzaw. Dawn ma jistgħux jiġu milqugħa peress li mhuxmies konformi mar-regolamenti tal-Kunsilli Lokali.

## 11. Materji Oħra

Proġett - *Extension of the Heritage Trail to St. George's Square, Chrity Street, Pjazzetta Patri Akkursju Xerri, Schol Street and Arch. Alfons Maria Hili Street in Victoria.*

11.1 l-offerta LAG/01/2014, *Provision of architectural services required for the Project – Extension of the Heritage Trail to Pjazza San Ġorġ, Triq il-Karità, Pjazzetta Patri Akkursju Xerri, Triq l-Iskola and Triq l-Arċipriet Alfons Maria Hili in Victoria, Gozo*, ingħatat lill-Perit

Mario Cordina. Dan wara li ġie kkunsidrat r-rapport tal-bord ta' aġġudikazzjni anness f' dokument Ġ.

11.2 l-offerta LAG/02/2014. *Repaving of Pjazza San Ġorġ, Triq il-Karità, Pjazzetta Patri Akkursju Xerri, Triq l-Iskola and Triq l-Arċipriet Alfons Maria Hili in Victoria, Gozo,* ingħatat lill-Road Construction C. Ltd. Dan wara li ġie kkunsidrat r-rapport tal-bord ta' aġġudikazzjni anness f' dokument Ħ.

11.3 l-offerta LAG/03/2014. *Provision of project management services required for the Project – Extension of the Heritage Trail to Pjazza San Ġorġ, Triq il-Karità, Pjazzetta Patri Akkursju Xerri, Triq l-Iskola and Triq l-Arċipriet Alfons Maria Hili in Victoria, Gozo,* ma ngħatat lill-ħadd peress li l-orħos ma kienitx tilħaq il-kriterji tal-offerta u l-offerti l-oħra kienu kollha għola mill-baġit. Dan wara li ġie kkunsidrat r-rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni anness f' dokument I.

11.4 Il-membri ġew mgħarrfa li s-sidien ta' ħwienet fi Pjazza San Ġorġ resqu mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Kunsill rigward ix-xogħol li hu proġettat li jsir biex jinbidel il-wiċċ tal-pjazza.

11.5 Korrispondenza mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma li tgħid li l-din il-korporazzjoni ser tieħu ħsieb l-ispejjes li jammontaw għall-€4,410.53 li jkopru t-tqegħid tal-pajpijiet fit-toroq l-Iskola, Alfons Maria Ħili u Pjazzetta Patri Akkursju Xerri.

11.6 Infetħet l-offerta LAG/01/2015 – *Tender for the execution of a fountain in bronze, at St. George's Square, Victoria, Gozo, as part of the projectextension of the heritae trail to St. Geroge's Square, Charity Street, Pjazzetta Patri Akkursju Xerri, School Street and Arch. Alfons Maria Hili Street, Victoria, Gozo.* Id-dokument tal-offerta jinsab anness f'dokument J.

Il-membri qablu li:-

11.7 ssir bankina quddiem 8 Triq Aġius de Soldanis;

11.8 jitħallas il-metrjal sabiex titranġa l-bankina ta' quddiem blokk C f'taċ-Ċawla H.E, sabiex tiġi pariġġ il-bqija tal-bankini li hemm fil-*housing estate*. Ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-Gvern Ċentrali;

11.9 jitranġa d-dwal li hemm quddiem l-istatwi ta' quddiem il-knisja ta' Santu Wistin. Dan minħabb al-fatt li billi jinsabu fl-art, qed jidħol l-ilma tax-xita;

11.10 tintalab stima ta' kemm jiġi jiswa t-tindif ta' Triq Ħamamiet u l-wied ta' maġenbha.

11.11 Il-emmbri ġew mgħarrfa li l-*Coca Cola* bagħtet l-i*sponsor* tagħha ta' €1,500 għall-attivita' li ssir fl-ewwel tas-sena;

11.12 id-Diaprtiment tal-Agrikulutra fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex jieħu ħsieb it-tneħħija ta' siġra tal-pam infettata u ż-żbir tal-palm l-ieħor li jinsab fil-belvedere tal-isptar. Dan għall- prezz ta' €1,200;

11.13 Thomas Scerri jieħu ħsieb it-tneħħija ta' tlett siġriet tal-palm li huma infettati u li jinsbu fil-*playing field.*

Il-laqgħa ntemmet fid-21.00 u laqgħa oħra ser issir *sine die*.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |